Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 25 ta' Novembru 2021
(OR. en)**

**13967/21
ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0396(NLE)**

**JAI 1247
FREMP 267
COVID-19 396
FRONT 411
MI 893
SAN 705
TRANS 708
IPCR 151
COCON 76
COMIX 592**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Novembru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 749 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 749 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 749 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
COM(2021) 749 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill**

**dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475**

**ANNESS**

**Mappa tal-UE bil-kuluri tad-dawl tat-traffiku**

1. Il-mappa bil-kuluri tad-dawl tat-traffiku għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

   (a) "ir-rata fuq 14-il jum tan-notifiki tal-każijiet", jiġifieri, in-numru totali ta' każijiet ta' COVID-19 notifikati ġodda għal kull 100 000 abitant fl-aħħar 14-il jum fil-livell reġjonali;

   (b) "it-teħid tal-vaċċin", jiġifieri, it-teħid kumulattiv tat-tilqim komplut b'kors primarju fil-popolazzjoni totali fil-livell reġjonali;

   (c) "ir-rata tal-ittestjar", jiġifieri, in-numru ta' testijiet għall-infezzjoni tal-COVID-19 għal kull 100 000 abitant imwettqa matul l-aħħar ġimgħa.

2. Sabiex jinkiseb punteġġ kumplessiv, ir-rata fuq 14-il jum tan-notifiki tal-każijiet (C) għandha tiġi ponderata abbażi tat-teħid tal-vaċċin (V) f'reġjun speċifiku. Jekk il-valur għal kwalunkwe wieħed miż-żewġ kriterji ma jkunx disponibbli fil-livell reġjonali, għandu jintuża l-valur fil-livell nazzjonali.

   Għal dan il-għan, għandha tintuża l-formula li ġejja:

   *(C+C*(100-V)/100)/2 = rata ponderata*

3. Fil-mappa bil-kuluri tad-dawl tat-traffiku, żona għandha tiġi mmarkata bil-kuluri li ġejjin:

   (a) aħdar, jekk ir-rata ponderata tkun inqas minn 40;

   (b) oranġjo, jekk ir-rata ponderata tkun inqas minn 100 iżda 40 jew aktar;

   (c) aħmar, jekk ir-rata ponderata tkun inqas minn 300 iżda 100 jew aktar;

   (d) aħmar skur, jekk ir-rata ponderata tkun 300 jew aktar;

   (e) griż skur, jekk ir-rata tal-ittestjar tkun 600 jew inqas;

   (f) griż, jekk ma tkunx disponibbli *data* suffiċjenti għall-valutazzjoni tal-punti (a) sa (e).